DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Settembru 2013

li tagħti derogi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja fir-rigward tal-Belġju, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Polonja, u l-Portugall

(notifikata bid-dokument C(2013) 5897)

(It-testi bl-Olandiż, bil-Franċiż, bil-Grieg, bit-Taljan, bil-Pollakk, bil-Portugiż u bl-Ispanjol biss huma awtentiċi)

(2013/472/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja [1], u partikolarment l-Artikolu 6(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 452/2008 japplika għall-produzzjoni tal-istatistika fi tliet setturi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3.

(2) L-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 452/2008 jistipula, jekk ikun hemm bżonn, għall-adozzjoni tad-derogi limitati u perjodi ta' tranżizzjoni għall-Istati Membri, li t-tnejn iridu jkunu bbażati fuq raġunijiet oġġettivi.

(3) Il-komparabbiltà internazzjonali tal-istatistika fuq l-edukazzjoni teħtieġ li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jużaw klassifikazzjonijiet tal-edukazzjoni li huma kompatibbli mal-verżjoni riveduta tal-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni ISCED 2011 (minn hawn 'il quddiem "ISCED 2011"), kif adottata mill-Istati Membri tal-Unesco fis-36 Konferenza Ġenerali f'Novembru 2011.

(4) Il-ġbir tad-dejta minn sorsi amministrattivi u oħrajn dwar il-mobilità tal-istudenti għaċ-ċikli tal-studju kollha jridu jittejbu, sabiex jimmonitorjaw il-progress u jidentifikaw l-isfidi, kif ukoll biex tikkontribwixxi għat-tfassil tal-politika bbażata fuq l-evidenza.

(5) Jirriżulta mill-informazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni li t-talbiet minn ċerti Stati Membri għad-derogi huma minħabba l-ħtieġa għal adattamenti kbar fis-sistemi statistiċi nazzjonali sabiex jikkonformaw b'mod sħiħ mar-Regolament (KE) Nru 452/2008.

(6) Għalhekk, tali derogi għandhom jingħataw kif mitlub lill-Belġju, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Polonja u l-Portugall.

(7) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Statistika Ewropea,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-derogi huma għaldaqstant mogħtija lill-Istati Membri kif stipulat fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Polonja u r-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2013.

Għall-Kummissjoni
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 145, 4.6.2008, p. 227.

ANNESS

Derogi mir-Regolament (KE) Nru 452/2008 rigward id-Dominju 1: Sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ

Livelli ISCED għandhom jirreferu għall-livelli ISCED 2011.

Stat Membru	Kwantitajiet Varjabbli u analiżi	Tmiem tad-deroga
Il-Belġju	— Numru ta' parteċipanti ġodda mal-livelli ISCED 3 sa 7 (ISCED 3 għal 5: il-livell ta' figuri 2 ta' dettall; ISCED 6 sa 7: il-livell ta' figura 1 ta' dettall), sess u età. Sa tmiem id-deroga, id-dejta għandha tingħata għal ISCED 5 fil-livell ta' figura 1 ta' dettall	fil-31 ta' Diċembru 2015
	— Numru ta' parteċipanti ġodda mal-livelli ISCED 3 għal 5 (ISCED 3 u 4: vokazzjonali biss; ISCED 5: il-livell ta' figuri 2 ta' dettall), sess u l-qasam tal-edukazzjoni (it-tieni livell ta' dettall) Sa tmiem id-deroga, id-dejta għandha tingħata għal ISCED 5 fil-livell ta' figura 1 ta' dettall	fil-31 ta' Diċembru 2015
Il-Greċja	— Numru ta' studenti reġistrati, minn livelli ISCED 5 sa 8 (livell ta' figura 1 ta' dettall), l-oqsma tal-edukazzjoni (it-tielet livell tad-dettall) u s-sess	fil-31 ta' Diċembru 2016
	— Numru ta' studenti reġistrati, minn livelli ISCED 5 sa 8 (il-livell ta' figura 1ta' dettall), il-pajjiż tal-oriġini u s-sess	fil-31 ta' Diċembru 2016
	— Numru ta' gradwati mobbli reġistrati, minn ISCED livelli 5 sa 8 (il-livell ta' figura 1 ta' dettall), il-pajjiż tal-oriġini u s-sess	fil-31 ta' Diċembru 2016
Spanja	— In-numru ta' applikanti ġodda fil-livell ISCED 3 (it-tieni livell tad-dettall), skont is-sess u l-età.	fil-31 ta' Diċembru 2016
	— In-numru ta' applikanti ġodda fil-livell ISCED 3 vokazzjonali, skont is-sess u l-qasam tal-edukazzjoni (it-tieni livell tad-dettall).	fil-31 ta' Diċembru 2016
	— Dejta dwar studenti mobbli u gradwati skont id-definizzjoni tal-pajjiż tal-oriġini "il-pajjiż fejn id-diploma tas-sekondarja superjuri ingħatat"	fil-31 ta' Diċembru 2016
	— Dejta dwar in-nefqa għall-edukazzjoni għal ISCED 3-4 aggregata fil-livell figuri 2 tad-dettall. Sa tmiem id-deroga, għandha tingħata d-dejta aggregata ISCED 3 + 4	fil-31 ta' Diċembru 2016
Franza	— Numru ta' parteċipanti ġodda mal-livelli ISCED 4, 5 u 6 (ISCED 4 u 5: il-livell ta' figuri 2 ta' dettall; ISCED 6: livell figura 1 tad-dettall), sess u età.	fil-31 ta' Diċembru 2016
	— Numru ta' parteċipanti ġodda mal-livelli ISCED 4, 5 u 6 (ISCED 4 mhux vokazzjonali: ISCED 5: livell figura 2 tad-dettall; ISCED 6: il-livell figura 1 ta' dettall), sess u l-qasam tal-edukazzjoni (it-tieni livell tad-dettall).	fil-31 ta' Diċembru 2016
	— Numru ta' gradwati mobbli rreġistrati, minn ISCED livelli 5 sa 8 (il-livell ta' figura 1 ta' dettall), il-pajjiż tal-oriġini u s-sess	fil-31 ta' Diċembru 2016
	— Numru ta' gradwati, mill-ISCED livelli 4 sa 7 (fil-livell ta' figuri 3 ta' dettall), is-sess u l-età	fil-31 ta' Diċembru 2016
l-Italja	— Numru ta' gradwati li kellhom is-soġġorn tal-mobbiltà ta' kreditu ta' tul minimu ta' tliet xhur matul iċ-ċiklu ta' studju, għal livell ISCED 8 u skont it-tip ta' skema tal-mobbiltà (programmi tal-UE, programmi internazzjonali/nazzjonali, programmi oħra)	fil-31 ta' Diċembru 2019

Stat Membru	Kwantitajiet Varjabbli u analiżi	Tmiem tad-deroga
	— Numru ta' gradwati li kellhom is-soġġorn tal-mobbiltà ta' kreditu ta' tul minimu ta' tliet xhur matul iċ-ċiklu ta' studju, għal livell ISCED 8 u skont il-pajjiż tad-destinazzjoni	fil-31 ta' Diċembru 2019
Il-Polonja	— Numru ta' gradwati mobbli fuq livell ISCED 6 sa 8 skont il-pajjiż tal-oriġini u s-sess	fil-31 ta' Diċembru 2018
	— Numru ta' gradwati li kellhom is-soġġorn tal-mobbiltà ta' kreditu ta' tul minimu ta' tliet xhur matul iċ-ċiklu ta' studju, għal livell ISCED 6 sa 8 u skont it-tip ta' skema tal-mobbiltà (programmi tal-UE, programmi internazzjonali/nazzjonali, programmi oħra)	fil-31 ta' Diċembru 2018
	— Numru ta' gradwati li kellhom is-soġġorn tal-mobbiltà ta' kreditu ta' tul minimu ta' tliet xhur matul iċ-ċiklu ta' studju, għal livelli ISCED 6 sa 8 u skont il-pajjiż tad-destinazzjoni	fil-31 ta' Diċembru 2018
Il-Portugall	— Numru ta' applikanti ġodda, fl-ISCED 3: il-livell ta' figuri 2 ta' dettall), sess u età.	fil-31 ta' Diċembru 2016
	— Numru ta' applikanti ġodda, fl-ISCED 3: vokazzjonali, skont is-sess u l-qasam tal-edukazzjoni (it-tieni livell ta' dettall)	fil-31 ta' Diċembru 2016